MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 1309/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Alan Saliba**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Alan Saliba ta’ 25 sena, mwieled nhar l-10 ta’ April 1984 gewwa Pieta’, iben Anthony u Rita nee’ Spiteri u residenti gewwa Flt 4, BlkVI, Triq il-Hnien, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita’ numru 206584(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar il-05 t’Ottubru 2009 ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ filghodu (9.30Hrs) gewwa Triq Fleur de-Lys,

Birkirkara, ikkommetta serq ta' basket li fih kellu dokumenti, telefon cellulari, cwievet u affarijiet elettronici u xi oggetti ohra liema serq ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Reuben Valletta, liema serq huwa aggravat bil-'valur', bix-'xorta' tal-haga misruqa ;

2. Fl-istess data u f'hinijiet ta' wara mill-fergha tal-Bank of Valletta, Marsa bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ittanta jaghmel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' l-istess Reuben Valletta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

3. Fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Reuben Valletta fuq cheque tal-Bank of Valletta numru 004146

4. Il-Qorti kienet mitluba li titratta lil imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Lulju 2010 (esebit a fol. 13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-22 ta' Lulju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu

jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar tat-22 ta’ Lulju 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa recidiv u li ghandu problema ta’ abbuz mid-droga u jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja fil-minimum imponibbli tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279(a), 280(1), 41, 308, 309, 310(1)(b), 17, 20, 31 u 183 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sbatax (17) il-xahar prigunerija b’effett millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------